Quddiemi ______________________________, Nutar tal-Gvern, debru personalment wara li jiena Nutar sotto iffirmat accertajt ruhi mill-identita taghhom permezz tad-dokumenti ufficjali iktar l-isfel imsemmijin.

______________________________, Kummissarju ta' l-Artijiet debitament awtorizzat biex jidher fuq dana l-att f'isem il-Gvern ta' Malta, hawn iktar il-quddiem imsejjah il-Gvern, in virtu ta' Minuta li ggib id-data tas-sebgha ta' Frar, elf disa' mija u tnejn u sittin fuq karti mmarkati Secretariat numru mitejn wiehed u erbghin (241) tal-istess sena 1962; karti relattivi ghal dana l-att huma mmarkati Land Department tlett mija u sittax tal-elf disa' mija u sebgha u sebghin zbarra wiehed (Land 316/77/1).

______________________________, f'isem u in rapprezentanza tal-Kumpanija Holiday Services Company Limited (Kumpanija Kostitwita f'Malta a terminu tal-Ordinanza numru ghaxra tal-elf disa' mija u tnejn u sittin Ord. X tal-1962) awtorizzat biex jidher fuq dana l-att bis-sahha ta' Rizoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-istess Kumpanija li kopja taghha qieghda hawn annessa ghar-registrazzjoni hawn iktar il-quddiem imsejjah il-kumpanija mit-tieni parti.

Qabel xejn u fl-ewwel lok il-partijiet jiddikjaraw u jippremettu dan li gej.

Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Attard tal-hamsa ta' Dicembru elf disa' mija sebgha u sebghin, il-Gvern ta' Malta akkwista minghand il-Gvern Ingliz is-subutili dominju temporanju ta' Korp ta' bini msejjah Saint Julians Court konsistenti fi tnejn u hamsin appartament, liema korp ghandu entratura minn tlett bibien separati bla numru li jinsabu f'Sur Fons Street, u minn bieb iehor bla numru fi Triq Manwel Dimech go Triq il-Princep ta' Wales liema korp ta' appartamenti jikkonfina mit-tramuntana ma' Saint Ignatius

/...

Ju tion, mill-lvant ma' Triq Scicluna u min-nofsinhar ma' Triq is-Sur Fons bhala soggett dan il-korp ghas-subcens annwu u temporanju ta' £M5876 ghaz-zmien li fadal mis-subkoncessjoni originali.

Illi sussegwentement permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Attard ta' l-ewwel ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u tmienja u sebghin, il-Gvern ta' Malta kien ceda b'sehh mill-ewwel ta' Lulju tas-sena elf disa' mija tmienja u sebghin is-subutili dominju temporanju ghaz-zmien li kien baqa' mill-perjodu ta' hamsa u erbghin sena mis-subkoncessjoni originali, lill-kumpanija Holiday Services Company Limited, id-drittijiet kollha illi l-Gvern kien akkwista permezz tal-fuq imsemmi kuntratt bejn l-istess Gvern ta' Malta u l-Gvern Ingliz.

Illi fl-istess kuntratt iffirmat bejn il-Gvern Malti u il-Kumpanija Holiday Services Company Limited, il-Gvern kien obbliga lill-kumpanija illi tuza sitta u erbghin (46) minn dawn l-appartamenti ghal skop ta' turizmu.

Illi issa il-kumpanija Holiday Services Company Limited tixtieq illi toffri dawn l-appartamenti u cioe' is-sitta u erbghin (46) appartament b'titolu ta' subenfitewsi lill-persuni li jkunu cittadini ta' Malta ghal skopijiet residenzjali.

Illi in vista tal-premess il-Kummissarju ta' l-Artijiet in rapprezentanza tal-Gvern Malti u ______________ in rapprezentanza tal-kumpanija Holiday Services Company Limited kif jinsab debitament awtorizzat ghal dan il-ghan in forza ta' rizoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi tal-istess kumpanija liema Rizoluzzjoni hi mmarkata bl-ittra "A" li qieghda tigi annessa ma' dana l-att ghar-registrazzjoni, qeghdin in forza tal-prezenti kuntratt fil-waqt li jikkonfermaw il-kuntratt ta' l-ewwel ta' Settembru elf disa' mija u tmienja u sebghin jaghmlu referenza ghall-klawsola fejn jinghad illi dawn l-appartamenti u cioe' is-sitta u erbghin (46) appartament f'St Julians Court ghandhom

/...

jinuzaw ghal skopijiet ta' turizmu u jimmodifikaw din il-klawsola fis-sens li gej:

Illi il-Kummissarju ta' l-Artijiet qieghed in forza ta' dan l-att jawtorizza lill-istess Kumpanija Holiday Services Company Limited illi tkun tista' toffri dawn l-appartamenti b'titolu ta' subenfitewsi temporanja ghal skopijiet residenzjali lill-persuni ta' Nazzjonalita Maltija.

Illi, in oltre, il-Kumpanija Holiday Services Company Limited obbliga ruha illi qabel ma taghmel sejha ghall-offerti ghall-pubbliku ghall-akkwist ta' dawn l-appartamenti hija tissottometti bil-miktub kopja tal-kondizzjonijiet illi hija tkun sejra timponi fil-kuntratt bejn l-istess kumpanija u akkwirenti ghall-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet.

Fl-ahhar nett il-partijiet jikkonfermaw illi huma qeghdin jimmodifikaw il-kuntratt ta' bejnithom ta' l-ewwel ta' Settembru elf disa' mija tmienja u sebghin fis-sena biss hawn fuq indikat u espress u ghaldaqstant l-imsemmi kuntratt ghandu jitqies biss bhala modifikat in kwantu ghandu x'jaqsam mal-uzu li ghandu jsir mill-imsemmi appartamenti u ghandu jibqa' jopera ghall-bqija tal-obbligazzjonijiet kollha minnu naxxenti.

Ghall-finijiet tal-att dwar it-taxxa tal-mewt u donazzjoni tas-sena elf disa' mija tlieta u sebghin qieghed jigi dikjarat illi d-dispozizzjonijiet ta' dak l-att ma japplikawx ghal dan il-kuntratt billi ma jinvolvix trasferiment tal-mobbli jew drittijiet immobiljarji.

Ghall-finijiet tal-att dwar it-taxxa fuq certi dokumenti jiena Nutar sotto iffermat niddikjara illi ebda taxxa ma hi dovuta fuq dana l-att.

Maghmul, moqri u ppubblikat wara d-debita cerzjorazjoni skond il-ligi f'Malta fl-Ufficcju tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.